# Madre Margerita tikkontempla l-Wiċċ Ħanin ta' Alla

**Riflessjoni dwar l-Ispiritwalità tal-Fundatriċi b'tifkira tal-64 Anniversarju ta' mewtha**

## Il-Ġublew tal-Ħniena

Qegħdin fis-Sena tal-Ġublew tal-Ħniena, kif mixtieq mill-Papa Franġisku. Fil-Bulla li biha kien ħabbar dan il-Ġublew Straordinarju, l-istess Papa kiteb dan li ġej: *"Ġesù Kristu hu wiċċ il-ħniena tal-Missier. Il-misteru tal-fidi Nisranija donnu jsib f'din il-kelma l-ġabra sħiħa tiegħu. Hi (il-ħniena tal-Missier) saret ħajja, viżibbli u laħqet il-quċċata tagħha f'Ġesù ta' Nazaret. Il-Missier, "għani fil-ħniena" (Efes 2:4), wara li wera ismu lil Mosè bħala "Alla li jagħder u jħenn; tqil biex jagħdab u kbir fit-tjieba u l-fedeltà" (Eż 34:6), ma hediex, b'ħafna modi u f'bosta waqtiet tal-istorja, jgħarraf in-natura divina tiegħu. Fil-"milja taż-żminijiet" (Gal 4:4), meta kollox kien imqiegħed fl-ordni skont il-pjan tiegħu ta' salvazzjoni, Hu bagħat lil Ibnu mwieled mill-Verġni Marija biex jurina darba għal dejjem l-imħabba tiegħu. Min jara lilU jara lill-Missier (ara Ġw 14:9). Ġesù ta' Nazaret bil-kelma tiegħu, bil-ġesti tiegħu u bil-persuna sħiħa tiegħu juri l-ħniena ta' Alla. Dejjem hemm bżonn nikkontemplaw il-misteru tal-ħniena. Hu għajn ta' hena, ta' serħan u ta' sliem. Hi kundizzjoni għas-salvazzjoni tagħna. Ħniena: din hi l-kelma li turi l-misteru tat-Trinità Qaddisa. Ħniena: din hi l-aqwa u l-ogħla att li bih Alla jiġi jiltaqa' magħna. Ħniena: hi l-liġi fundamentali li tgħammar fil-qalb ta' kull bniedem meta jħares b'għajnejn sinċiera lejn ħuh li miegħu jiltaqa' tul il-mixja tal-ħajja. Ħniena: hi t-triq li ssieħeb lill-bniedem ma' Alla, għax tiftaħ il-qalb għat-tama li aħna maħbuba għal dejjem minkejja l-limiti tad-dnub tagħna".*

## Il-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta' Ġesù

Dan il-Ġublew tal-Ħniena, li beda fil-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-2015, u jintemm fis-Solennità ta' Kristu Re ta' din is-sena, iridna, skont il-ħsibijiet tal-Papa Franġisku, nitfgħu ħarsitna fuq il-wiċċ kollu ħniena tal-Missier Alla muri b'mod tassew ċar fi Kristu, l-Iben Waħdieni tal-Missier. B'dawn il-ħsibijiet tal-Ġublew, nixtieq illum nagħti bidu għar-riflessjoni tiegħi dwar il-Venerabbli Qaddejja ta' Alla, Margerita tal-Qalb ta' Ġesù li nbniet spiritwalment fuq Alla-Mħabba u f'din l-Imħabba kienet tintelaq għal kollox u fiha kienet issib il-faraġ u l-qawwa tagħha. Inħoss li nista' ngħid li l-Venerabbli Margerita kienet bla waqfien b'ħarsa ta' kontemplazzjoni fil-wiċċ kollu ħniena tal-Missier Alla kif jidher fil-wiċċ ta' Kristu, l-aktar fl-Inkarnazzjoni u s-Salib tiegħu.

Nistgħu ngħidu li l-imħabba tikkaratterizza l-persuna ta' Madre Margerita li tqiegħed lilha nfisha fid-dawl tal-wiċċ kollu mħabba tal-Missier Alla, tikkontempla kollox fih u tinduna li Alla hu *"il-Kollox waħdieni tagħna"*(L.110). Minħabba f'hekk, il-Fundatriċi spiss tidher tikkontempla lill-Mulej maħbub tagħha hi u tqiegħed ħajjitha kolla fid-dawl tal-ħniena u l-imħabba bla tarf tiegħu. Fl-istess ħin hi tifraħ għax tħossha maħbuba minnu u għax tista' tħobbu. Nisimgħuha titkellem fil-kitbiet tagħha: *"Ejjew u araw kemm hi ta' min iħobbha l-Imħabba"*(L.111).

Fil-ħajja reliġjuża tagħha, wara li esperimentat il-grazzja u l-ferħ tal-konsagrazzjoni sħiħa tagħha, il-Fundatriċi saret xbieha tal-imħabba u tal-ħniena ta' l-istess Alla li sejħilha, b'tali mod li ma' kulħadd, l-aktar ma' wliedha sorijiet, kienet turi fiha nfisha l-imġieba kollha tenerezza tal-Missier, li dwarha kemm-il darba smajna lill-Papa Franġisku kulmeta jittratta dan is-suġġett fid-diskorsi tiegħu. Infatti, f'waħda mill-ittri tagħha, Madre Margerita ħeġġet lil waħda mis-sorijiet biex hi wkoll issir manifestazzjoni tal-imħabba murija minn Alla Missier bis-sejħa reliġjuża: *"O, għażiża tiegħi, impenja ruħek għal kollox biex tagħmlu maħbub għat-tjubija tiegħu, għall-imħabba bla tarf tiegħu, għal dak li hu fih innifsu. Dan jixraqlu mħabba bla tarf! Kemm hu twajjeb! Kemm hu ta' min iħobbu!... nitlob lit-twajjeb Alla biex iferrex il-grazzji tiegħu fuqhom ilkoll (fuq is-sorijiet), ħalli jittrasformahom ilkoll fiH biss, biss, biss."*(L.110). Meta kitbet l-espressjoni *"għal dak li hu fih innifsu"*, uriet li kienet tassew fehmet li Alla hu fih innifsu mħabba, ħniena, mogħdrija, dak kollu li hu mħabba vera: fehmet tassew li Alla għandu wiċċ kollu ħniena, kif qalilna l-Papa, fit-tnedija tal-Ġublew straordinarju tal-Ħniena. Bħall-Papa, Madre Margerita tidher li fehmet li l-ħniena tista' tibni dinja aktar umana, jekk il-bnedmin jinbidlu fiH li hu ħniena u mħabba.

Kien minħabba f'hekk li anke f'ittri miktubin lid-Direttur Spiritwali tagħha, kienet tfisser dan il-ħsieb fi stediniet, bħal: *"Ngħoddsu f'dak l-Oċejan ta' mħabba, ta' mħabba nfinita, ta' mħabba eterna. Ejja ninħbew, nixxejnu, noffru ruħna f'dawk il-fjammi eterni; f'dik il-Qalb li fiha jinsab in-nar kollu tal-imħabba divina"*(L. 37). Anke fi żmien l-aħħar gwerra dinjija, meta mis-sema kienu neżlin bla waqfien il-bombi tal-għadu, hi kienet tagħraf l-imħabba kollha ħniena ta' Alla li ssejjaħ lil kulħadd għall-konverżjoni: *"Inħobbu, inħobbu u nissagrifikaw ruħna f'offerta mal-Kollox tagħna, li qed jitfa' fuq il-bnedmin il-kastigi ħelwin tiegħu biex iwassalna mmorru għandu bħala Missier mill-aktar ħanin – misericordiosissimo."*(L.47). Dejjem kienet tinsisti li jeħtieġ insiru ħniena u mħabba bħalma hu ħanin u mħabba l-Missier tas-sema.

**Skoperta tal-Ħniena ta' Alla fi Kristu**

Fil-Quddiesa ta' jum l-Immakulata Kunċizzjoni tas-sena li għaddiet, meta fetaħ il-Ġublew tal-Ħniena, il-Papa stqarr: *"Li tgħaddi mill-Bieb Imqaddes ifisser tiskopri mill-ġdid il-ħniena tal-Missier li jilqa' lil kulħadd u joħroġ hu stess biex jiltaqa' ma' kull wieħed u waħda minnhom. Din jeħtieġ tkun sena li fiha nsiru dejjem aktar konvinti mill-ħniena ta' Alla... Ejjew għalhekk inwarrbu kull biża' u twerwir għax dawn ma jiswewx ta' ġid lill-bnedmin li huma maħbubin. Minflok ejjew nesperimentaw il-ferħ tal-laqgħa tagħna mal-grazzja li tittrasforma kollox".*

Waqt li kont qed nisma' lill-Papa jtenni dan il-kliem, mall-ewwel ġiet fi ħsiebi l-Fundatriċi li tagħha qed nagħmlu din it-tifkira llum aħna u nfakkru is-sitta u erbgħin anniversarju ta' mewtha. Hi skopriet tassew il-ħniena tal-Missier Alla li jilqa' 'l kulħadd, hi kienet tesperimenta l-ferħ tal-grazzja u kienet tinsisti ma' kulħadd dwar il-ħtieġa li l-ferħ dwar il-ħniena u t-tjubija ta' Alla jimla l-qlub ta' kulħadd, għax kulħadd hu maħbub minn Alla, speċjalment il-qlub ta' dawk magħżulin bħala għarajjes tiegħu bil-vokazzjoni reliġjuża.

Fuq kollox ta' min jinnota li fl-ispiritwalità tal-Venerabbli Fundatrici, jidher ċar dak li għallimna l-Papa fil-Bulla tat-tnedija tal-Ġublew tal-Ħniena, li *"Ġesù Kristu hu wiċċ il-ħniena tal-Missier:... il-ħniena tal-Missier saret ħajja, viżibbli u laħqet il-quċċata tagħha f'Ġesù ta' Nażaret".* Madre Margerita kienet bla waqfien konxja ta' din il-verità tant li fil-misteri ta' Kristu, l-aktar fl-Inkarnazzjoni, fil-Passjoni u fl-Ewkaristija kienet tikkontempla il-ħniena murija mill-Missier Alla lejna l-bnedmin.

Hekk, per eżempju, fl-Avvent tal-1924 fissret il-ħniena tal-Missier li bagħat lil Ibnu stess għas-salvazzjoni tal-bnedmin, billi kitbet: *"Kemm ħabbna l-Missier Etern Divin biex tana rigal tant għażiż bħalma hu l-Waħdieni tiegħu"*(L.86). Matul ir-Randan tal-1933 kitbet dwar *"il nostro Sposo appassionato"*(L.163), biex tfisser kif Ġesù, fil-Passjoni u l-mewt tiegħu wera b'mod ċar il-ħniena kbira tiegħu għalina, ħniena murija bit-tbatija, ħniena ta' xi ħadd iffissat fina l-bnedmin, biex ninterpretaw sewwa l-ħsieb tal-Fundatriċi. Dwar Ġesù fl-Ewkaristija tipprova tfisser l-imħabba kollha ħniena tiegħu li esperimentat bil-kbir meta kienet fid-Dar tal-Adorazzjoni, billi tikteb: *"saħħaħna bil-qawwa tiegħu... rawwimna u ħbiena taħt il-ġwienaħ tiegħu"*(L.111) wkoll: *"għalina baqa' mxejjen fil-pissidi"*(L.118).

Hawnhekk irridu naslu għall-konklużjoni konkreta dwar dan li qed ngħidu dwar Madre Margerita f'relazzjoni mas-sena tal-Ġublew tal-Ħniena li qed niċċelebraw. U għalhekk, din il-konklużjoni trid twassalna għal tliet ħsibijiet prattiċi li jirriżultaw b'mod ċar mill-kontemplazzjoni tal-ħniena ta' Alla li l-Fundatriċi għexet b'mod regolari f'ħajjitha.

## 1. Fidi sħiħa fil-Providenza

Kemm bħala riżultat tal-fatt li Madre Margerita kienet tħossha qed tgħum fil-ħniena ta' Alla, kif ukoll għax riedet tikber fl-għarfien tal-ħniena ta' Alla, kellha fidi sħiħa u ħajja fil-Providenza ta' Alla: jiġifieri, kienet aktar minn konvinta li Alla Ħanin dejjem jipprovdi. Hekk fissret ruħha f'ittra lill-Komunità ta' Korfù wara l-Viżta Kanonika fl-1922: *"Inroddu ħajr tassew lit-twajjeb Alla li ħarisna bi providenza speċjali mhux biss spiritwalment, imma wkoll temporalment"*(V11). Darb'oħra kitbet: *"Inroddu ħajr lit-twajjeb Alla li, dejjem u kulfejn inkunu, jieħu ħsieb jagħtina aktar mill-meħtieġ għalina"*(L.84). Lis-sorijiet tagħha spiss kienet tistedinhom : *"Ninxteħtu b'għajnejna magħluqin fl-oċejan tal-providenza divina u hemm insibu, insibu, insibu l-mistrieħ"*(L.114). Ninnutaw kif il-Fundatriċi kienet tqis il-Providernza Divina bħal oċejan ta' ħniena u ta' mħabba, li fih mhux biss ninxteħtu, imma wkoll nitolbu li jżommna ngħumu fih bla waqfien. Ninnutaw, fuq kollox, kif il-Papa Franġisku fisser kif dan jista jseħħ f'dan il-Ġublew tal-Ħniena, fil-*"Misericordiae Vultus": " Kemm hi sabiħa t-talba ta' kuljum li biha l-Knisja tiftaħ il-ġurnata tagħha: "O Alla, ejja u eħlisni. Mulej, fittex għinni" (Salm 70:2). L-għajnuna li nitolbu diġà hi l-ewwel pass tal-ħniena ta' Alla lejna. Hu jiġi jeħlisna mill-kundizzjonijiet ta' dgħufija li fihom qed ngħixu. U l-għajnuna tiegħu tikkonsisti f'li jġagħilna nħossu l-preżenza tiegħu u kemm hu qrib tagħna. Jum wara l-ieħor, imqanqla mill-kompassjoni tiegħu, nistgħu aħna wkoll nuru l-istess kompassjoni ma' kulħadd."*(14).

## 2. Abbandun fiduċjuż f'dil-Ħniena

Bħala konklużjoni prattika li waslet għaliha l-Venerabbli Margerita minn dan kollu li qed ngħidu, hi li kienet tixxennaq, *"li nkun nista' ngħajjat mad-dinja kollha: inħobbu, inħobbu Alla daqshekk twajjeb u qaddis!"*(L.62), insibu, kif fissret hi stess, waħda mill-karatteristiċi ewlenin tal-ispiritwalità tagħha: *"Nintelqu għal kollox f'dak il-Ħdan patern fejn ir-ruħ imsejkna tagħna tista' ssib dak kollu li tixtieq u teħtieġ"*(L.52). F'ittra oħra stqarret: *"Kemm tassew m'aħna xejn! Imma dan għandu jwassalna biex aktar immorru għandu b'aktar fiduċja filjali u nintelqu għal kollox għall-bluha tiegħu"*(L.109). Ninnutaw ftit, kif filwaqt li tissuġġerixxi dan l-ispirtu ta' abbandun, ta' telqa sħiħa f'dak li hu daqshekk mimli ħniena, kienet titkellem minnu b'termini li jfissru *"ħniena"*, bhalma hu *"Ħdan patern"* li jfakkrek fit-tgħannieqa tal-Missier lill-iben il-ħali, *"immorru għandu b'fiduċja filjali"*, li jfakkrek fit-tfal ċkejknin li kienu jintlaqgħu minn Ġesù b'tant imħabba,*"nintelqu għal kollox għall-bluha tiegħu"*, li jfakkrek f'dak li jingħad li l-imħabba mimlija ħniena u mogħdrija tidher qisha bluha. Li nintelqu b'fiduċja fit-tgħannieqa paterna tal-Missier mimli Ħniena, hi t-tifsira vera ta' kull pellegrinaġġ lejn il-bibien miftuħa tal-Ġublew f'din is-Sena Mqaddsa. Hekk qal il-Papa fil-*"Misericordiae Vultus": "Għalhekk, il-pellegrinaġġ irid ikun stimolu lejn il-konverżjoni: meta ngħaddu mill-Bieb Imqaddes, inħallu l-ħniena ta' Alla tħaddanna magħha u nħabirku biex aħna wkoll nuru ħniena mal-oħrajn kif il-Missier juri magħna"*(14).

## 3. Xhieda viżibbli tal-Ħniena Divina

Il-Venerabbli Margerita tant drat tgħum fl-oċejan ta' tjubija tal-ħniena ta' Alla, li hi stess saret ħniena u kienet bla waqfien tinsisti mas-sorijiet tagħha biex fil-ħajja u fil-ħidmiet tagħhom juru t-tenerezza u l-imħabba tal-ħniena ta' Alla. Forsi mhux dan li kienet tixtieq bil-ħerqa kollha ta' qalbha, meta kienet titlob lis-sorijiet biex ikollhom l-aqwa relazzjonijiet ma' xulxin: *"ngħinu lil xulxin dejjem biex nerfgħu l-piżijiet ta' xulxin"*(L.67); *"aqsmu ma' xulxin kliem ta' faraġ u ta' kuraġġ"*(L.109); *"fittxu li tkunu doċli u umli ma' xulxin"*(V3); *"inħeġġiġkom turu aktar mogħdrija għall-miżerju umani li ħadd mhu eżenti minnhom"*(V8)? U dwar il-ħidmiet ma' l-oħrajn, meta darba fissret ruħha: *"naħdmu għall-erwieħ, li huma l-prezz tad-demm ta' Alla"*(L.13), żgur li kellha f'moħħha l-ħtieġa li fl-apostolat tintwera l-istess ħniena murija minn Kristu meta xerred demmu għalina lkoll. Hi stess kienet tixxennaq li turi din il-ħniena ma' *"ħafna erwieħ li qed jistennew il-ħidma tagħna, il-kelma tagħna u fuq kollox it-talb tagħna"*(L.66), u wkoll: *"nixxennaq u nittama bil-ħeġġa li l-erwieħ kollha mifdija mid-Demm wisq għażiż tal-Feddej Divin tagħna, jsalvaw"*(L.60). F'ittra lil waħda mis-sorijiet li kienet tieħu ħsieb it-tfal orfni, kitbet: *"Agħmel minn kollox biex dawn l-orfni ċkejknin jikbru sewwa fl-edukazzjoni spiritwali u materjali. Tħalli xejn barra biex dan isir"*(L.81). F'okkażjonijiet oħra kitbet: *"kebbes dawn il-qlub teneri bin-nar ewkaristiku"*(L.88), u *"indirizzahom bil-ħlewwa lejn l-imħabba"*(L.132). Dan kollu jurina biċ-ċar kif Madre Margerita kienet tistinka biex fir-relazzjonijiet umani, kemm minħabba spirtu komunitarju, kif ukoll

minħabba ħidma apostolika, tintwera t-tenerezza u l-imħabba tal-ħniena divina. Il-Papa stess fil-*"Misericordiae Vultus"* stqarr il-ħtieġa li nsiru maħfra u ħniena u qalbna tajba bħala wlied Missier ħanin: *" Ġesù jitlob minna wkoll li naħfru u nagħtu. Inkunu għodda tal-maħfra, għax aħna stess ksibnieha mingħand Alla. Inkunu qalbna tajba ma' kulħadd, għax nafu li anki Alla jkattar it-tjieba tiegħu fuqna b'ġenerożità liema bħalha"*(14).

## Għeluq

Aħna u niċċelebraw l-64 Anniversarju mill-mewt tal-Fundatriċi, il-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta' Ġesù f'din is-sena tal-Ġublew tal-Ħniena, rajna jirrifletti f'wiċċha, f'għemilha u fit-tagħlim li ħallitilna, il-wiċċ kollu ħniena ta' Kristu li qed isejħilna: *"Ħennu bħalma hu ħanin Missierkom"*(Lq.6, 36). Din is-sejħa ta' Kristu saret ukoll is-sejħa ta' Madre Margerita u jeħtieġ li ssir ukoll mhux biss is-sejħa ta' kull wieħed u waħda minna, imma wkoll l-istil ta' ħajja tagħna. F'waħda mill-ittri tagħha, il-Fundatriċi titlobna: *"L-Għarus komuni tagħna Ġesù ikebbiskom dejjem bl-imħabba tiegħu"*(L.150). Jalla jkun hekk, ħalli mkebbsin b'din l-imħabba ta' Kristu, aħna wkoll inħallu jirrifletti ruħu fina, il-wiċċ kollu ħniena tal-Missier Alla.

**Dun Ġużepp Gauci – Knisja tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, Victoria – 22 ta' Jannar 2016**

*****************************************************

# TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nfakkru is-sitta u erbgħin anniversarju mill-mewt tal-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, Fundatriċi, f'din is-Sena tal-Ġublew tal-Ħniena, nitolbu lill-Mulej, għani fil-ħniena, biex jgħinna nikkontemplaw sewwa l-wiċċ kollu ħniena tiegħu kif għamlet Madre Margerita, ħalli nħalluh jirrifletti ruħu fl-għemejjel kollha tagħna, biex aħna wkoll nikbru fil-ħniena u fl-imħabba lejn ħutna.

1. Mulej Alla, Missier ħanin u twajjeb, agħmel li l-Knisja tiegħek tkompli twassal il-messaġġ tal-ħniena lill-bnedmin kollha, **nitolbu,**

2. Mulej Alla, Missier ħanin u twajjeb, Int ridt li l-Venerabbli Margerita tikkontempla sewwa l-għana tal-ħniena tiegħek: agħmel, fil-ħniena tiegħek li ma ndumux ma jkollna sinjal mingħandek li jwassal il-Knisja biex tqiegħdha fost il-Bejati tagħha, **nitolbu,**

3. Mulej Alla, Missier ħanin u twajjeb, Int ridt turina l-ħniena tiegħek fi Kristu Ibnek: agħmel li bħal Madre Margerita nżommu ħarsitna fuq il-misteru ta' Kristu biex minnu nitgħallmu nħennu u nagħdru lil ħutna, **nitolbu,**

4. Mulej Alla, Missier ħanin u twajjeb, Int ridt li mill-Knisja tiegħek joħorġu l-għejjun tal-ħniena tiegħek: għinna biex bħal Madre Margerita nkunu dejjem membri ħajjin tal-Knisja, **nitolbu,**

5. Mulej Alla, Missier ħanin u twajjeb, fil-pjani tal-ħniena tiegħek Int diġà sejjaħt għall-ħajja ta' dejjem lil bosta minn ħutna, fosthom għadd ta' wlied spiritwali ta' Madre Margerita: nitolbuk, fil-ħniena tiegħek, fittex seħibhom ilkoll fil-glorja tas-sema, **nitolbu,**

6. Mulej Alla, Missier ħanin u twajjeb, illum għoġbok tiġborna hawn flimkien biex infakkru lill-Venerabbli Margerita: kompli għinna biex nixorbu bla waqfien mill-għejjun spiritwali li tajtna permezz tat-tagħlim u l-eżempji tagħha, **nitolbu,**

O Alla, inti tagħtina l-aqwa xhieda tas-setgħa tiegħek bla tarf billi taħfrilna u tħenn għalina: xerred fuqna l-grazzja tiegħek biex inħaffu fit-triqat murija lilna mill-ħniena tiegħek kif għamlet il-Fundatriċi għażiża tagħna, biex naslu ħalli niksbu l-ġid tas-sema. Bi Kristu Sidna. **Ammen.**

# Qari għall-Quddiesa tal-Ħniena

**L-1 Qari:** **Efes. 2, 4-10.**

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin.**

Alla, għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa ta' l-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu – bi grazzja intom salvi.

Qajjimna miegħu u qegħedna fis-smewwiet ma' Kristu Gesù, biex juri fiż-żminijiet li ġejjin l-għana bla qjies tal-grazzja tiegħu bit-tjieba li wera magħna fi Kristu Ġesù.

Intom salvi bil-grazzja, permezz tal-fidi; u dan mhux bis-saħħa tagħkom, imma b'don ta' Alla; mhux bl-opri, biex ħadd ma jiftaħar.

Aħna ħolqien tiegħu, maħluqa fi Kristu Ġesù biex nagħmlu l-opri tajba li Alla ħejjielna minn qabel li għandna nagħmlu.

**Il-Kelma tal-Mulej.**

**Salm Responsorjali** **S. 146.**

**Rit. Ħanin u ta' qalb tajba l-Mulej.**

Faħħar, ruħ tiegħi, il-Mulej. – Infaħħar il-Mulej tul ħajti kollha; – ngħanni lil Alla tiegħi sakemm indum ħaj. – La tittamawx fil-kbarat, - għax il-bniedem ma jsalvakomx.

**Rit. Ħanin u ta' qalb tajba l-Mulej.**

P.T.O.

Hieni min f'Alla ta' Ġakobb isib l-għajnuna tiegħu, - min għandu t-tama fil-Mulej, Alla tiegħu, - li għamel is-sema, l-art u l-baħar, u kull ma jinsab fihom, - hu li jżomm kelmtu għal dejjem.

**Rit. Ħanin u ta' qalb tajba l-Mulej.**

Hu li jagħmel ħaqq lill-maħqurin, - u jagħti l-ħobż lill-imġewwħin. – il-Mulej li jeħles lill-imjassrin, - il-Mulej li jiftaħ għajnejn il-għomja, - il-Mulej li jerfa' lill-milwijin – il-Mulej li jħobb lill-ġusti; - il-Mulej li jħares lill-barranin, - hu li jżomm lill-iltim u lill-armla, - imma lill-ħżiena jħarbtilhom triqathom.

**Rit. Ħanin u ta' qalb tajba l-Mulej.**

Il-Mulej isaltan għal dejjem: Alla tiegħek, Sijon, minn nisel għal nisel.

**Rit. Ħanin u ta' qalb tajba l-Mulej.**

**Vers tal-Vanġelu: Efes.5,1-2.**

**Hallelujah, hallelujah.** Kunu ixbhu lil Alla, bħala wlied maħbuba, u imxu fl-imħabba, bħalma Kristu wkoll ħabb lilna. **Hallelujah.**

**Il-Vanġelu: Luqa,6, 36-38.**

**+ Qari mill-Evanġelju skont San Luqa.**

F'dak iż-żmien, Ġesù rafa' għajnejh lejn id-dixxipli tiegħu u qal: "Ħennu, bħalma hu ħanin Missierkom.

Tiġġudikawx, u ma tkunux iġġudikati; tikkundannawx u ma tkunux ikkundannati; aħfru u ssibu l-maħfra; agħtu, u jingħatalkom.

Kejl tajjeb, marsus, mheżheż sewwa u mburġat iqegħdulkom f'ħoġorkom; għax bl-istess kejl li tkejjlu intom jitkejjel lilkom".

**Il-Kelma tal-Mulej.**

# Qari għall-Quddiesa tal-Ħniena

**<u>L-1 Qari</u>:** **Eż. 34, 6-9**

**Qari mill-Ktieb tal-Eżodu.**

F'dak iż-żmien: il-Mulej niżel fi sħaba u waqaf hemm maġenb Mosè; u xandar l-isem tal-Mulej. U l-Mulej għadda minn quddiemu u għajjat: "Jaħweh! Jaħweh! Alla li jagħder u jħenn; tqil biex jagħdab u kbir fit-tjieba u l-fedeltà. Iħares it-tjieba għal elf ġenerazzjoni u jaħfer il-ħażen, id-dnub u l-ħtija; imma ma jħalli xejn għaddej; jikkastiga l-ħażen tal-missirijiet f'uliedhom u f'ulied uliedhom sat-tielet u r-raba' ġenerazzjoni". Mosè minnufih inxteħet għal wiċċu fl-art, ta qima u qal: "Jekk jien tassew sibt ħniena quddiemek, ja Sidi, ħa jiġi Sidi ġo nofsna, nitolbok; għax dan hu poplu rasu iebsa. Aħfrilna ħżunietna u ħtijietna, u ħudna b'wirt għalik".

**Il-Kelma tal-Mulej.**

**<u>Salm Responsorjali</u>:** **S. 146.**

**Rit. Ħanin u ta' qalb tajba l-Mulej.**

Faħħar, ruħ tiegħi, il-Mulej. – Infaħħar il-Mulej tul ħajti kollha; – ngħanni lil Alla tiegħi sakemm indum ħaj. – La tittamawx fil-kbarat, - għax il-bniedem ma jsalvakomx.

**Rit. Ħanin u ta' qalb tajba l-Mulej.**

Hieni min f'Alla ta' Ġakobb isib l-għajnuna tiegħu, - min għandu t-tama fil-Mulej, Alla tiegħu, - li għamel is-sema, l-art u l-baħar, u kull ma jinsab fihom, - hu li jżomm kelmtu għal dejjem.

**Rit. Ħanin u ta' qalb tajba l-Mulej.**

Hu li jagħmel ħaqq lill-maħqurin, - u jagħti l-ħobż lill-imġewwħin. – il-Mulej li jeħles lill-imjassrin, - il-Mulej li jiftaħ għajnejn il-għomja, - il-Mulej li jerfa' lill-milwijin – il-Mulej li jħobb lill-ġusti; - il-Mulej li jħares lill-barranin, - hu li jżomm lill-iltim u lill-armla, - imma lill-ħżiena jħarbtilhom triqathom.

**Rit. Ħanin u ta' qalb tajba l-Mulej.**

Il-Mulej isaltan għal dejjem: Alla tiegħek, Sijon, minn nisel għal nisel.

**Rit. Ħanin u ta' qalb tajba l-Mulej.**

**<u>It-2 Qari</u>:** **Efes. 2, 4-10.**

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin.**

Alla, għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa ta' l-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu – bi grazzja intom salvi. Qajjimna miegħu u qegħedna fis-smewwiet ma' Kristu Gesù, biex juri fiż-żminijiet li ġejjin l-għana bla qjies tal-grazzja tiegħu bit-tjieba li wera magħna fi Kristu Ġesù. Intom salvi bil-grazzja, permezz tal-fidi; u dan mhux bis-saħħa tagħkom, imma b'don ta' Alla; mhux bl-opri, biex ħadd ma jiftaħar. Aħna ħolqien tiegħu, maħluqa fi Kristu Ġesù biex nagħmlu l-opri tajba li Alla ħejjielna minn qabel li għandna nagħmlu.

**Il-Kelma tal-Mulej.**

**<u>Vers tal-Vanġelu</u>:** **Efes.5,1-2.**

**Hallelujah, hallelujah.** Kunu ixbhu lil Alla, bħala wlied maħbuba, u imxu fl-imħabba, bħalma Kristu wkoll ħabb lilna. **Hallelujah.**

**<u>Il-Vanġelu</u>:** **Luqa,6, 36-38.**

**+ Qari mill-Evanġelju skont San Luqa.**

F'dak iż-żmien, Ġesù rafa' għajnejh lejn id-dixxipli tiegħu u qal: "Ħennu, bħalma hu ħanin Missierkom. Tiġġudikawx, u ma tkunux iġġudikati; tikkundannawx u ma tkunux ikkundannati; aħfru u ssibu l-maħfra; agħtu, u jingħatalkom. Kejl tajjeb, marsus, mheżheż sewwa u mburġat iqegħdulkom f'ħoġorkom; għax bl-istess kejl li tkejjlu intom jitkejjel lilkom".

**Il-Kelma tal-Mulej.**